

Brussell, 5 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

13832/23

TRANS 397  
CLIMA 445  
ENV 1083  
SAN 567  
IND 512  
STATIS 62

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 566 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Li tipproponi Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 566 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 566 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.10.2023  
COM(2023) 566 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Li tipproponi Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu**

## **1. Introduzzjoni u motivazzjoni**

It-tqegħid tal-benesseri tan-nies u l-kompetittività tal-industrija Ewropea fiċ-ċentru tat-tranżizzjoni ekoloġika huma prijoritajiet ewlenin għall-Kummissjoni Ewropea. Iċ-ċikliżmu, bħala wieħed mill-aktar forum ta' trasport sostenibbli u tajbin għas-saħħa u bħala industrija li qed tiżviluppa malajr, jinsab f'pożizzjoni tajba biex jappoġġa dan il-proċess importanti.

Iż-żieda fis-sehem taċ-ċikliżmu tgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju kif ukoll il-konġestjoni. Barra minn hekk, iċ-ċikliżmu jista' jtejjeb il-benesseri fiżiku u mentali, u l-inklużjoni soċjali. Dan huwa faċilitatur ewlieni tat-turiżmu sostenibbli u jgħib ukoll benefiċċji tanġibbli għall-ekonomija lokali permezz ta' impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

**Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi stabbilit sett ta' prinċipji li jgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ taċ-ċikliżmu fl-UE.**

Dawn il-prinċipji jkunu parti mid-**Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu** (minn hawn 'il quddiem "id-Dikjarazzjoni"), maħsuba biex isservi bħala kumpass strateġiku għall-politiki tal-UE u nazzjonali rilevanti fil-futur.

Id-Dikjarazzjoni inkluża fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni hija ppreżentata mill-Kummissjoni, li għandha tiġi ffirmata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala dikjarazzjoni konġunta.

Huwa mistenni li din tgħin biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija għall-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti u l-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero. Barra minn hekk, din tikkonforma mal-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li kulħadd għandu d-dritt li jaċċessa servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż għat-trasport.

Il-proposta kurrenti tirrispondi għat-talbiet tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari r-risoluzzjoni tiegħu dwar l-iżvilupp ta' strateġija tal-UE favur l-użu tar-roti<sup>1</sup>, u tal-maġġoranza tal-Istati Membri<sup>2</sup>. Id-Dikjarazzjoni hija konformi mal-Qafas il-Ġdid tal-UE dwar il-Mobbiltà Urbana<sup>3</sup>.

## **2. Sforzi għaddejnin**

Kif iddikjarat fil-Qafas il-Ġdid tal-UE dwar il-Mobbiltà Urbana, sabiex tikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi, ambjentali, diġitali, tas-saħħa u tas-soċjetà dejjem aktar ambizzjużi tal-UE, l-UE jeħtieġ li tiegħu azzjoni aktar deċiżiva dwar il-mobbiltà urbana sabiex taqleb mill-aproċċ

---

<sup>1</sup> [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0058\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0058_MT.html)

<sup>2</sup> <https://www.benelux.int/fr/publication/european-cycling-declaration/>

<sup>3</sup> COM(2021) 811.

kurrenti li huwa bbażat fuq flussi tat-traffiku għal approċċ ibbażat fuq il-mobilità aktar sostenibbli tal-persuni u l-merkanzija<sup>4</sup>.

**Madankollu, minkejja l-għadd kbir ta' benefiċċji taċ-ċikliżmu, xorta għad hemm ammont żgħir wisq ta' nies li jużaw ir-rota fl-UE<sup>5</sup>, b'differenzi kbar fil-livell taċ-ċikliżmu fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet. Dan huwa b'mod partikolari minħabba infrastruttura mhux adegwata u tħassib dwar is-sikurezza li jirriżulta, kif ukoll differenzi fl-attitudnijiet kulturali lejn iċ-ċikliżmu u nuqqas ta' għarfien.**

L-UE b'mod ġenerali u l-Kummissjoni b'mod partikolari diġà ħadu diversi passi biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet u jippromwovu ċ-ċikliżmu, bħal:

- ir-reviżjoni tal-politiki tal-UE dwar it-trasport: l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti<sup>6</sup> u l-Qafas tal-UE għall-Mobbiltà Urbana<sup>7</sup> jitolbu li jiżdied l-użu taċ-ċikliżmu u ta' forom sostenibbli oħra ta' trasport;
- l-inkoraġġiment tal-użu taċ-ċikliżmu fil-kunċett tal-UE ta' ppjanar sostenibbli tal-mobbiltà urbana, parti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/550<sup>8</sup> dwar Programmi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Ippjanar Sostenibbli tal-Mobbiltà Urbana;
- l-istabbiliment ta' rekwiżiti maħsuba biex jintegraw aħjar il-modi attivi tat-trasport f'ċentri multimodali tal-passiġġieri f'nodi urbani, u biex iżommu l-kontinwità u l-aċċessibbiltà tal-moġħdijiet għaċ-ċiklisti sabiex jiġu promossi l-modi attivi tat-trasport inklużi fil-proposta għar-Regolament rivedut tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T)<sup>9</sup>;
- l-istabbiliment ta' rekwiżiti għall-ġbir u s-sottomissjoni ta' *data* dwar il-mobbiltà urbana f'nodi urbani lill-Kummissjoni, inklużi fil-proposta għar-Regolament TEN-T rivedut;
- l-istabbiliment ta' rekwiżiti għal għadd minimu ta' spazji għall-parkeġġ tar-roti fil-proposta għal Direttiva riveduta dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija<sup>10</sup>;
- l-inċentivar tal-użu tar-roti billi tiġi introdotta sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS2)<sup>11</sup> li se tpoġġi prezz tal-karbonju fuq il-fjuwils li jintużaw fil-binjiet, fit-trasport bit-triq u f'setturi oħra, u tagħmel disponibbli dħul sinifikanti mill-irkanti għall-Istati Membri biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fis-settur tat-trasport;

---

<sup>4</sup> Dan ifisser sistema tat-trasport kollettiv/pubbliku aktar b'saħħitha, għażliet ta' mobilità attiva aħjar (eż. il-mixi, iċ-ċikliżmu), loġistika urbana effiċjenti b'emissjonijiet zero u konsenji tal-aħħar mil, u t-titjib tal-aċċessibbiltà. Filwaqt li tali multimodalità għandha tkun il-prinċipju gwida tagħna għall-mobilità urbana, il-mobilità mingħajr emissjonijiet u konnessa, awtomatizzata u kondiviża se tkun komponent ewlieni tat-tranżizzjoni lejn futur urban newtrali għall-klima li jippermetti wkoll li ż-żoni suburbani u rurali jingħaqdu b'mod sostenibbli mal-bliet. Hija meħtieġa ġestjoni aħjar tat-trasport u tal-mobbiltà permezz ta' ċentri multimodali u soluzzjonijiet diġitali biex tiżdied l-effiċjenza fis-sistema kollha.

<sup>5</sup> Skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2019, madwar 9 % taċ-ċittadini tal-UE jużaw roti jew scooters (elettriċi) bħala l-mezz primarju tat-trasport tagħhom. Sors: <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2226>.

<sup>6</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0789>

<sup>7</sup> <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/ad816b47-8451-11ec-8c40-01aa75ed71a1>

<sup>8</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32023H0550>

<sup>9</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021PC0812>

<sup>10</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52021PC0802>

<sup>11</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32023L0959&qid=1688743056255>

- il-ħolqien tal-Fond Soċjali għall-Klima<sup>12</sup>, b'finanzjament iddedikat immirat lejn gruppi vulnerabbli partikolarment affettwati mill-ETS2, biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-binjiet u jiġi inċentivat l-użu ta' mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi, inkluż appoġġ għax-xiri u l-użu tar-roti;
- proposta biex tiġi riformulata d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija<sup>13</sup> sabiex tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-trasport relatati mal-klima u mal-ambjent;
- l-għoti ta' finanzjament għal proġetti relatati maċ-ċikliżmu permezz ta' diversi programmi, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>14</sup>, InvestEU<sup>15</sup> u l-programm Orizzont Ewropa;
- l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni<sup>16</sup> f'teknoloġiji u f'servizzi relatati maċ-ċikliżmu, bħar-roti elettriċi, roti u taġħmir adattati jew iddedikati għall-persuni b'diżabilità, skemi ta' kondiviżjoni tar-roti, u applikazzjonijiet intelliġenti taċ-ċikliżmu;
- il-promozzjoni taċ-ċikliżmu bħala attività sportiva, rikreattiva u mezz tat-trasport, li jikkontribwixxi għal stil ta' ħajja b'saħħtu u attiv fil-kuntest tal-kampanja #BeActive<sup>17</sup>, li tilħaq il-qofol taġħha fil-Ġimgħa Ewropea tal-Isport<sup>18</sup> kif ukoll permezz ta' kampanji ta'

<sup>12</sup><https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32023R0955&qid=1688742687499>

Il-Fond Soċjali għall-Klima, li ġej mid-dħul tal-ETS kurrenti u prinċipalment mill-ETS il-ġdida għall-binjiet, it-trasport bit-triq u l-industrija żgħira (ETS2), huwa mistenni jimmobilizza EUR 86,7 biljun ta' appoġġ għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, l-utenti vulnerabbli tat-trasport u l-mikrointrapriżi vulnerabbli għal tranżizzjoni ġusta mill-2026 sal-2032.

<sup>13</sup> Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni) (COM/2021/563 final).

<sup>14</sup> Bħalissa, il-Kummissjoni tistma, abbażi tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza vvalutati u approvati li, b'kolloxx, il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza allokaw EUR 1,7 biljun għal miżuri relatati mal-infrastruttura taċ-ċikliżmu. Dawn ġew proposti u qed jiġu implimentati mill-Belġju, mill-Bulgarija, minn Ċipru, miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Estonja, mill-Greċja, mill-Italja, mil-Latvja, mir-Rumanija u mis-Slovakkja.

<sup>15</sup> Xi eżempji ta' operazzjonijiet ta' InvestEU li jappoġġaw il-mobbiltà sostenibbli, fost investimenti oħrajn:

- Qafas ta' InvestEU għal Tranżizzjoni Sostenibbli (Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp) biex isir investiment f'sottoproġetti dwar il-mobbiltà sostenibbli u l-mobbiltà urbana.
- Operazzjoni Qafas #14 għall-Garanzija tas-Sostenibbiltà (Fond Ewropew tal-Investment) biex isir investiment f'mobbiltà b'emissjonijiet baxxi u żero. Dan huwa l-ewwel prodott ta' garanzija pan-Ewropew b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika ta' negozji żgħar u individwi.
- Programm ta' Finanzjament tal-Iżviluppatur Ekoloġiku (Bank Ewropew tal-Investment) biex jingħata self ta' qafas lil proġetti li jappoġġaw l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi (inkluża l-mobbiltà ekoloġika).
- Operazzjoni Qafas #8 SMEW RIDW Prodott ta' Ekwità Konġunt – Sub-prodott ta' Soluzzjonijiet Klimatiċi u Ambjentali (il-Fond Ewropew tal-Investment) biex jiġu appoġġati r-riċerka, l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni, it-tkabbir u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji jew soluzzjonijiet li jikkontribwixxu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, inklużi l-mobbiltà u t-trasport, u l-ambjent urban mibni.
- Il-Fond I Shift4Good (il-Fond Ewropew tal-Investment), li huwa ffukat fuq il-mobbiltà u t-trasport intelliġenti u sostenibbli u fuq l-ekonomija ċirkolari u li jimmira l-aktar lejn in-negozji B2B. Madankollu, il-fond huwa aktar iffukat fuq li jindirizza l-mezz kbir tat-trasport mill-karozzi sat-trasport bl-ajru u s-setturi marittimi.

<sup>16</sup> Diversi proġetti rilevanti jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data tal-proġett tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar it-Trasport TRIMIS (<https://trimis.ec.europa.eu/>)

<sup>17</sup> <https://sport.ec.europa.eu/news/facts-and-figures-about-the-beactive-2022-campaign>

<sup>18</sup> <https://sport.ec.europa.eu/initiatives/european-week-of-sport>

sensibilizzazzjoni, bħall-Ġimgħa Ewropea tal-Mobbiltà<sup>19</sup> u l-Karta Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq<sup>20</sup>;

- l-appoġġ għat-tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri dwar it-titjib tas-sikurezza tal-utenti vulnerabbli tat-triq, u b'mod partikolari taċ-ċiklisti, permezz tal-Iskambju tas-Sikurezza fit-Toroq tal-UE<sup>21</sup>;
- l-istabbiliment ta' rekwiżiti għal spazji dedikati għat-trasport tar-roti fuq ferroviji ġodda u aġġornati<sup>22</sup>.

### **3. Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu**

**Sabiex jiġi ssodisfat il-potenzjal taċ-ċikliżmu biex ikun jista' jgħin b'mod effettiv biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE dwar il-mobbiltà, il-klima, l-ambjent, is-saħħa, l-industrija u dawk soċjali, l-użu taċ-ċikliżmu fl-UE għandu jżied b'mod sostanzjali.** Dan jirrikjedi li l-awtoritajiet fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE jkomplu jżidu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu iċ-ċikliżmu u jagħmluh għażla aktar attraenti u aktar sikura għan-nies ta' kull età, b'livelli differenti ta' stat fiżiku u dawk li jgħixu b'kundizzjonijiet fiżiċi.

**F'dan l-isfond, il-Kummissjoni qed tipproponi li tistabbilixxi sett ta' prinċipji u impenji relatati. Dawn se jieħdu l-forma ta' abbozz ta' Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.** L-abbozz tad-Dikjarazzjoni, kif previst fl-Anness, huwa maħsub bħala proposta li għandha tiġi diskussa mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, bil-ħsieb li tiġi ffirmata mit-tliet istituzzjonijiet.

Id-Dikjarazzjoni proposta tibni fuq inizjattivi preċedenti mill-Istati Membri u mill-Parlament Ewropew, u tibbenefika mill-kontributi miġbura mill-partijiet ikkonċernati<sup>23</sup>.

**Il-prinċipji ewlenin tagħha huma ċċentrati fuq il-kwistjonijiet ta':**

1. L-iżvilupp u t-tiħiħ tal-politiki dwar iċ-ċikliżmu;
2. L-inkoraġġiment ta' mobbiltà inklużiva, affordabbli u tajba għas-saħħa;
3. Il-ħolqien ta' aktar infrastruttura taċ-ċikliżmu u aħjar;
4. Iż-żieda fl-investimenti u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għaċ-ċikliżmu;
5. It-titjib tas-sikurezza u tas-sigurtà tat-toroq;

---

<sup>19</sup> <https://mobilityweek.eu>

<sup>20</sup> <https://road-safety-charter.ec.europa.eu/>

<sup>21</sup> <https://etsc.eu/projects/eu-road-safety-exchange/>

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri ferrovjarji (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32021R0782&from=CS>); id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq japplikaw mis-7 ta' Ġunju 2025

<sup>23</sup> Feedback riċevut f'laqgħa ddedikata tas-sottogrupp tal-mobbiltà attiva tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar il-mobbiltà urbana fit-3 ta' Lulju 2023 u matul konsultazzjoni dwar il-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana ([https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12916-Transport-sostenibbli-qafas-gdid-g%C4%A7all-mobbilta-urbana\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12916-Transport-sostenibbli-qafas-gdid-g%C4%A7all-mobbilta-urbana_mt)).

6. L-appoġġ għal impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità u l-iżvilupp ta' industrija Ewropea taċ-ċikliżmu ta' klassi dinjija;
7. L-appoġġ għall-multimodalità u għat-turiżmu taċ-ċikliżmu;
8. It-titjib tal-ġbir tad-*data* dwar iċ-ċikliżmu.

#### **4. It-triq 'il quddiem**

F'dan l-abbozz ta' Dikjarazzjoni l-Kummissjoni ressqet kemm qafas ta' referenza kif ukoll linji gwida biex tagħti spinta lil-livelli taċ-ċikliżmu fl-UE u tappoġġa l-impjiegi ta' kwalità u l-industrija relatati.

Il-Kummissjoni se trawwem attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' involviment mal-Istati Membri u mal-partijiet rilevanti kollha biex jiġu żgurati s-sensibilizzazzjoni u l-impenn kondiviż għall-prinċipji minqaxa f'din id-Dikjarazzjoni.